Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna de ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Swipe to change

il-Ġermaniż

Għajnuna legali

Ġermanja

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolvu, u normalment min irid iħallashom?

Jekk tkun qed tingħata parir u tkun irrappreżentat minn avukat, dan ikun intitolat għal rimunerazzjoni għax-xogħol imwettaq, li l-ammont tagħha jkun jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-valur inkwistjoni fil-kawża. Jitħallsu wkoll l-ispejjeż tal-qorti jekk titressaq kawża quddiem qorti. Dawn jinkludu mhux biss it-tariffi u l-ispejjeż tal-qorti, iżda wkoll l-ispejjeż li parti fil-bżonn ta' għajnuna legali trid tħallas biex tikkonforma ma' azzjoni mitluba minn qorti jew li jkunu meħtieġa biex tittieħed azzjoni legali xierqa jew biex titressaq difiża xierqa. Parti li ma teħtieġx għajnuna legali normalment ikollha tħallas dawn l-ispejjeż. Jekk il-qorti tiddeċiedi favur dik il-parti, din tiġi rrimborżata mill-parti opposta.

2 X'inhija eżattament l-għajnuna legali?

Fil-Ġermanja ssir distinzjoni bejn l-assistenza konsultattiva (*Beratungshilfe*) u l-għajnuna legali (*Prozesskostenhilfe*).

L-assistenza bil-pariri u r-rappreżentanza legali **barra** l-proċedimenti tal-qorti (assistenza konsultattiva) tingħata lil persuni fil-bżonn skont l-Att dwar il-pariri u r-rappreżentanza legali għaċ-ċittadini b'introjtu baxx (*Gesetz über Rechtsberatung und Vertretung für Bürger mit geringem Einkommen (Beratungshilfegesetz)*). Sabiex **jieħdu sehem** fi proċedimenti legali, il-persuni fil-bżonn jingħataw għajnuna legali skont ir-regolamenti li jirregolaw l-għajnuna legali.

3 Għandi dritt għal għajnuna legali?

L-assistenza konsultattiva jew l-għajnuna legali tingħata jekk il-persuna li tkun teħtieġ servizzi legali ma tkunx tista' tiġbor il-fondi meħtieġa minħabba ċ-ċirkostanzi personali u finanzjarji (ħtieġa) tagħha u ma jkollha l-ebda opportunità raġonevoli oħra biex tikseb assistenza (eż. assigurazzjoni fuq l-ispejjeż legali, pariri mill-assoċjazzjoni tal-inkwilini jew trade union, eċċ.).

Barra minn hekk, l-azzjoni maħsuba biex tipproteġi d-drittijiet tal-persuna ma tridx tkun frivola. Jekk tingħata għajnuna legali, l-azzjoni jew id-difiża legali maħsuba jrid ikollha wkoll prospett suffiċjenti ta' suċċess. Il-qorti li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-għajnuna legali trid tikkunsidra l-pożizzjoni legali tal-applikant bħala korretta jew tal-inqas dibattibbli fuq il-bażi tal-preżentazzjoni tiegħu tal-fatti u tad-dokumenti disponibbli, u trid tkun konvinta, fir-rigward tal-fatti, li l-applikant se jkun jista' jippreżenta l-provi. Jekk ir-rekwiżiti legali jiġu ssodisfati, il-persuna inkwistjoni tkun intitolata għal assistenza konsultattiva jew għajnuna legali.

4 L-għajnuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

Fil-Ġermanja, issir distinzjoni bejn l-assistenza konsultattiva u l-għajnuna legali (ara l-mistoqsija 2 hawn fuq).

L-assistenza konsultattiva (li tkopri l-pariri u, jekk meħtieġ, ir-rappreżentanza) tingħata f'materji ta' dritt ċivili, inkluża l-liġi tax-xogħol, il-liġi amministrattiva, il-liġi kostituzzjonali u l-liġi soċjali. F'materji tal-liġi kriminali u tal-liġi dwar ir-reati amministrattivi, jingħataw pariri biss. F'materji li fihom għandha tiġi applikata l-liġi ta' stati oħra, tingħata assistenza konsultattiva jekk il-fatti tal-kawża jkollhom konnessjoni mal-Ġermanja. L-ebda assistenza konsultattiva ma tingħata għal kawżi fil-qasam tal-liġi dwar it-taxxa.

L-għajnuna legali tingħata għat-tipi kollha ta' proċedimenti relatati ma' tilwim ċivili, għal proċedimenti mhux kontenzjużi, u għal proċedimenti quddiem qorti tax-xogħol, amministrattiva, soċjali jew fiskali (*Arbeitsgericht*, *Verwaltungsgericht*, *Sozialgericht* or *Finanzgericht*). L-imputati fi proċedimenti kriminali u d-debituri fi proċedimenti ta' insolvenza ma jingħataw għajnuna legali. Ir-regolamenti dwar il-konsulenti tad-difiża maħtura mill-qorti fihom regoli speċjali eżawrjenti għall-imputati fi proċedimenti kriminali. Id-debituri fil-proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jiksbu differiment tal-ispejjeż tal-proċedimenti jekk ikunu ppreżentaw rikors għall-ħelsien mid-dejn residwu flimkien mar-rikors għall-insolvenza. Bi tweġiba għal applikazzjoni separata, l-għażla mid-debitur ta' avukat li jkun lest jirrappreżentah tiġi assenjata wkoll mill-qorti tal-insolvenza lid-debitur f'każijiet bħal dawn jekk jidher li tkun meħtieġa rappreżentanza minn avukat.

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

M'hemmx proċeduri speċjali bħal dawn; l-għażliet eżistenti biex jinkisbu assistenza konsultattiva u għajnuna legali jkopru wkoll każijiet ta' bżonn.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajnuna legali?

Il-formoli ta' applikazzjoni għall-assistenza konsultattiva u għall-għajnuna legali jistgħu jinkisbu mill-qrati lokali (*Amtsgerichten*) u mingħand l-avukati.

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal għajnuna legali?

Id-dettalji tal-introjtu meħtieġa jridu jiġu ppruvati b'mod kredibbli billi jiġu ppreżentati d-dokumenti rilevanti (eż. id-dikjarazzjoni tas-salarju jew, fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom, l-aħħar valutazzjoni tat-taxxa).

8 Fejn irrid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajnuna legali?

Fil-Ġermanja, issir distinzjoni bejn l-assistenza konsultattiva u l-għajnuna legali (ara l-mistoqsija 2 hawn fuq).

L-applikazzjoni għal assistenza konsultattiva tiġi ppreżentata lill-qorti lokali li fid-distrett tagħha l-persuna li tkun qed tfittex servizzi legali jkollha d-domiċilju legali ġenerali tagħha (il-post ta' residenza). Jekk il-persuna ma jkollhiex domiċilju legali ġenerali fil-Ġermanja, ikollha kompetenza l-qorti lokali li fid-distrett tagħha tinħoloq il-ħtieġa ta' assistenza konsultattiva. Huwa possibbli wkoll li wieħed javviċina avukat direttament għal din il-forma ta' assistenza. F'dak il-każ, l-applikazzjoni meħtieġa tista' tiġi ppreżentata lill-qorti lokali wara, fi żmien erba' ġimgħat.

L-applikazzjoni għall-għajnuna legali trid tiġi ppreżentata lill-qorti li quddiemha jkunu qed isiru jew se jitressqu l-proċedimenti li għalihom tkun qed tintalab l-għajnuna. Dik il-qorti (u mhux awtorità tal-protezzjoni soċjali, pereżempju) teżamina l-applikazzjoni u tiddeċiedi jekk ir-rekwiżiti għall-għoti tal-għajnuna legali ġewx issodisfati.

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajnuna legali?

L-informazzjoni dwar l-assistenza konsultattiva u l-għajnuna legali hija disponibbli mill-qrati lokali u mingħand l-avukati.

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

Jekk inti intitolat għal assistenza konsultattiva jew għajnuna legali, għandek timla l-formola korrispondenti, tehmeż id-dokumenti meħtieġa u tippreżentaha lill-korp imsemmi taħt il-punt 8.

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

Fil-Ġermanja, issir distinzjoni bejn l-assistenza konsultattiva u l-għajnuna legali (ara l-mistoqsija 2 hawn fuq).

Persuna li tfittex servizzi legali tista' tirċievi assistenza konsultattiva mingħand avukat tal-għażla tagħha. Fl-istati federali ta' Bremen u ta' Hamburg, l-assistenza konsultattiva tinkiseb miċ-ċentri pubbliċi għall-pariri legali. L-avukati huma obbligati li jipprovdu assistenza konsultattiva; talba għal din il-forma ta' assistenza legali tista' tiġi miċħuda biss f'każijiet speċifiċi għal raġunijiet importanti.

Inti wkoll liberu li tagħżel l-avukat li tixtieq fil-każ ta' għajnuna legali. Il-litigant għandu jagħżel avukat li jkun awtorizzat jirrappreżentah quddiem il-qorti. Il-president tal-qorti jagħżel u jassenja avukat biss jekk il-parti kkonċernata ma tkunx tista' ssib avukat li jkun lest jirrappreżentaha.

12 L-għajnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

Fil-Ġermanja, issir distinzjoni bejn l-assistenza konsultattiva u l-għajnuna legali (ara l-mistoqsija 2 hawn fuq).

L-avukat huwa intitolat għal ħlas ta' EUR 15 mingħand il-persuna li tkun ikkonsultatu b'rabta mal-għoti ta' assistenza konsultattiva, liema ħlas jista' jiġi rrinunzjat skont iċ-ċirkostanzi tal-persuna kkonċernata. Ftehimiet diverġenti relatati mar-remunerazzjoni huma nulli u bla effett. L-avukat jirċievi l-bqija tar-remunerazzjoni tiegħu mit-teżor pubbliku.

Fil-każ tal-għajnuna legali, l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti jkunu koperti, ħlief għal dawk l-ispejjeż tal-parti fil-kawża li ma kinux meħtieġa biex jipproteġu d-drittijiet tagħha. L-ebda spejjeż oħra ma jridu jitħallsu mill-parti li tkun teħtieġ l-għajnuna legali.

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajnuna legali limitata?

Jekk ir-rekwiżiti għall-għajnuna legali jkunu ġew issodisfati, ma jkun hemm l-ebda spiża oħra għall-parti fil-kawża. L-għoti ta' għajnuna legali jfisser li l-ispejjeż kollha meħtieġa tal-proċedimenti jkunu koperti. Madankollu, jekk il-parti fil-kawża jkollha l-kapaċità finanzjarja li tikkontribwixxi parti mill-introjtu tagħha għall-ispejjeż tal-proċedimenti, hija tkun obbligata li tirrifondi l-ammont korrispondenti kollu, jew parti minnu, f'pagamenti rateali lit-teżor pubbliku li jkun ġarrab dawk l-ispejjeż. Iċ-ċirkostanzi personali u finanzjarji jistgħu jiġu riveduti sa 4 snin wara l-konklużjoni tal-proċedimenti, u l-ħlas ta' pagamenti rateali jista' jiġi ordnat jew l-ammont ta' pagamenti rateali eżistenti jista' jiġi aġġustat. L-għadd massimu ta' pagamenti rateali li għandhom jinġabru huwa ta' 48.

Jista' jkun li l-għajnuna legali ma tkoprix kull parti tal-proċedimenti ("għajnuna legali parzjali"). F'każijiet bħal dawn, l-effett tal-għajnuna legali jkun limitat għall-parti li ngħatat għaliha.

14 L-għajnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

L-għoti ta' għajnuna legali ma jkoprix awtomatikament l-appelli. Dan jintemm bid-deċiżjoni finali tal-qorti li quddiemha jkunu tressqu l-proċedimenti. Madankollu, huwa possibbli li terġa' tippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna legali għal proċedimenti tal-appell. Il-qorti tal-appell tivvaluta jekk il-parti tkunx għadha teħtieġ l-għajnuna u jekk l-appell ikunx frivolu u jekk ikollux prospett ta' suċċess. Il-valutazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk l-appell ikollux prospett ta' suċċess jew jekk huwiex frivolu ma ssirx jekk il-kontroparti tkun ippreżentat appell. Jekk dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati, il-parti fil-kawża tkun intitolata għall-għajnuna legali.

15 L-għajnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

Fil-Ġermanja, issir distinzjoni bejn l-assistenza konsultattiva u l-għajnuna legali (ara l-mistoqsija 2 hawn fuq).

L-assistenza konsultattiva tista' tiġi rtirata jekk tkun ibbażata fuq informazzjoni falza pprovduta mill-parti li tkun teħtieġ is-servizzi legali.

L-għajnuna legali tista' tiġi rrevokata biss fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

jekk l-għajnuna tkun inkisbet b'qerq fuq il-bażi ta' informazzjoni żbaljata dwar it-tilwima,

jekk tkun ġiet ippreżentata informazzjoni skorretta biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet soġġettivi għall-għoti tal-għajnuna u d-dikjarazzjonijiet meħtieġa ma jkunux ġew ipprovduti,

jekk iċ-ċirkostanzi personali u finanzjarji ddikjarati għall-għoti tal-għajnuna ma jkunux japplikaw,

jekk il-persuna tkun għadha ma ħallsitx l-arretrati tal-pagamenti rateali, jew

jekk il-persuna tonqos milli tinnotifika titjib sinifikanti fl-introjtu jew ċirkostanzi finanzjarji oħrajn, jew tonqos milli tinnotifika indirizz ġdid.

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajnuna legali?

Fil-Ġermanja, issir distinzjoni bejn l-assistenza konsultattiva u l-għajnuna legali (ara l-mistoqsija 2 hawn fuq).

Huwa possibbli li jiġi ppreżentat appell immedjat (*sofortige Beschwerde*) kontra deċiżjoni ta' qorti lokali li tirrifjuta applikazzjoni għal assistenza konsultattiva. Jekk applikazzjoni għall-għajnuna legali tiġi miċħuda, l-applikant jista' jressaq appell immedjat kontra dik id-deċiżjoni tal-qorti fi żmien xahar, jekk il-valur tat-tilwima fil-proċedimenti prinċipali jkun jaqbeż is-EUR 600. Jekk il-valur tat-tilwima fil-proċedimenti ewlenin ma jkunx jaqbeż is-EUR 600, appell huwa permess biss jekk il-qorti tkun irrifjutat l-għoti ta' għajnuna legali biss fuq il-bażi tar-rekwiżit relatat maċ-ċirkostanzi personali u finanzjarji.

Sir af aktar fuq

https://www.bmj.de/SharedDocs/Publikationen/DE/Beratungs_PKH.html

L-aħħar aġġornament: 13/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.